TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 68/12 (JE).

Lionel Brincat

vs

St. Martin's Education Services Ltd.

Illum, 16 ta' Ġunju 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Lionel Brincat tat-2 ta' Marzu 2012 fejn stqarr illi f'Awwissu 2011 kien tħajjar jieħu kors ta' studju mingħand is-St. Martin's Insititute of IT illi offriet il-kors b'xejn sakemm l-attur japplika għall-fondi tat-TSSA ta' l-Unjoni Ewropea. Kellu jħallas € 480 bħala reġistrazzjoni illi kellha tiġi rifuża jekk jintgħażel għall-fondi. Is-soċjetà konvenuta offriet illi fil-każ illi l-attur ma jintgħażielx għall-fondi, il-miżata tar-reġistrazzjoni tiġi rifuża. F'Diċembru 2011, l-attur sar jaf illi ma kienx ġie magħżul għall-fondi ewropej imma s-soċjetà konvenuta naqset illi tirrifondi l-miżata tar-reġistrazzjoni u l-attur qiegħed jitlobha lura.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha iġġustifikat il-posizzjoni tagħha u kkontestat l-asserzjoni tal-attur illi huwa ma kienx ingħata borża ta' studju. Is-soċjetà konvenutau qalet ukoll illi l-attur kien għażel minn rajh li jieqaf mill-kors ta' studju in kwistjoni.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti, jidher ċar illi l-asserzjoni prinċipali tal-attur illi huwa ma ngħatax il-borsa ta' studju sabiex ikompli l-istudji illi kellu jagħmel fl-istitut tas-soċjetà konvenuta m'hijiex minnha. Dana joħroġ mid-Dokumenti 5, 12 u 14 prodotti minnu stess. Mill-banda l-oħra, fir-rigward tal-każ illi l-attur dejjem semma' bħala analogu ta' Isabel Micallef, jidher ċar minn Dok. JD 6 illi fil-fatt, Isabel Micallef ma kkwalifikatx għal tali borża ta' studju u s-soċjetà konvenuta debitament irrifondiet il-miżata tar-reġistrazzjoni tagħha kif kienet intrabtet illi tagħmel. Fil-każ tal-lum, is-

soċjetà konvenuta naqset illi tagħmel hekk preċisament peress illi t-talba tal-attur għall-borża ta' studju ġiet eventwalment aċċettata kif jirriżulta minn Dok. 14.

Jidher ċar ukoll minn Dok. 5 u 12 illi l-attur ingħata indikazzjoni ċarissima illi kien hemm possibilità qawwija illi l-applikazzjoni tiegħu għall-borża ta' studju tiġi eventwalment akkomodata, kif eventwalment ġiet. Fi kwalunkwe każ, tali applikazzjoni qatt ma' ġiet rifjutata kif kien il-każ f'Dok. JD6.

Għaldaqstant, l-attur ħa deċiżjoni konxja illi ma jkomplix bl-istudji tiegħu u m'hux għax ma ngħatax il-borża ta' studju in kwistjoni, għotja illi fil-fatt ħa. Jirriżulta għalhekk ukoll illi s-soċjetà konvenuta kellha kull dritt illi ma tirrifondiex l-miżata tar-reġistrazzjoni illi kien ħallas l-attur, u dana aktar u aktar meta ma talbitu l-ebda ħlas għat-tagħlim li hu ħa sa Diċembru 2011.

In vista ta' dan kollu, it-Tribunal jiċħad it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.